Patrijiet Karmelitani
19, Kunvent tal-Karmelitani
Misraħ Santa Venera
Santa Venera SVR1681
19 ta' Frar 2025

Kummissjoni għall-Patrimonju
Kulturali Kattoliku
Il-Kurja tal-Arċisqof
Pjazza San Kalċedonju
Floriana

Għeżież President u Membri,

insellmilkom u nispera li tinsabu tajbin. Bħala Pirjol tal-Komunità Karmelitana ta' Santa Venera qiegħed nibgħat din it-talba biex jiġi installat apparat tal-arja kkundizzjonata f'waħda miċ-ċelel tal-kunvent assenjata lil wieħed mill-aħwa anzjani. Iċ-ċella tikkonsisti f'żewġt ikmamar li t-twieqi tagħha jagħtu għall-bitħa interna tal-Kulleġġ San Elija. Waħda mill-kmamar taċ-ċella sservi ta' studju, u l-oħra ta' kamra tas-sodda. L-outdoor unit se jitqiegħed fuq il-bejt, wara l-opra morta. L-indoor unit se jkun fil-kamra tas-sodda fuq il-bieb ta' bejn iż-żewġt ikmamar taċ-ċella. Il-ħsieb tagħna huwa li t-toqba fil-ħajt għall-pajp tad-drain issir taħt it-tieqa, fejn il-ħajt huwa singlu, kif jidher f'dan ir-ritratt:



Napprezzaw ħafna li se tikkunsidraw din it-talba tagħna.

Tislijiet fil-Mulej,
P. Ivan Scicluna O.Carm.